

31999D0470

L 184/32

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

17.7.1999

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tad-29 ta' Ġunju 1999****dwar il-proċedura ta' l-attestazzjoni tal-konformità ta' prodotti għall-bini skond Artikolu 20(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE fir-rigward ta' kolla tal-bini**

(notifikat taħt dokument numru K(1999) 1478)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(1999/470/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma prodotti għall-bini ⁽¹⁾, kif emendata bid-Direttiva 93/68/KEE ⁽²⁾, u b'mod partikolari Artikolu 13(4) tagħha,

(1) Billi l-Kummissjoni hija meħtieġa li tagħżel, kif bejn iż-żewġ proċeduri taħt Artikolu 13(3) tad-Direttiva 89/106/KEE għall-attestazzjoni ta' konformità ta' prodott, il-proċedura l-anqas oneruża possibbli konsistenti mas-sigurtà; billi dan ifisser li huwa meħtieġ li tiddeċiedi jekk, għall-prodott jew grupp ta' prodotti partikolari, l-eżistenza ta' sistema ta' kontroll tal-fabbrika ta' produzzjoni taħt ir-responsabbiltà tal-manifattur hija kondizzjoni meħtieġa u suffiċjenti għall-attestazzjoni ta' konformità, jew jekk, għal raġunijiet relatati mal-konformità mal-kriterji msemmija f'Artikolu 13(4), l-intervent ta' korp approvat ta' ċertifikazzjoni huwa għalhekk meħtieġ;

(2) Billi Artikolu 13(4) jeħtieġ li l-proċedura hekk stabbilita għandha tkun indikata fil-mandati u fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi; billi, għalhekk, huwa mixtieq li jiġi definit il-kunċett ta' prodott jew grupp ta' prodott kif użat fil-mandati u fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi;

(3) Billi iż-żewġ proċeduri li għalihom jipprovdi Artikolu 13(3) huma deskritti fid-dettal f'Anness III li jinsab mad-Direttiva 89/106/KEE; billi għalhekk huwa meħtieġ li jiġu speċifikati b'mod ċar il-metodi li bihom iż-żewġ proċeduri għandhom jiġu implimentati, b'riferenza għal Anness III, għal kull prodott jew grupp ta' prodott, minħabba li Anness III jagħti preferenza għal ċerti sistemi;

(4) Billi l-proċedura riferita fil-punt (a) ta' l-Artikolu 13(3) tikkorrispondi mas-sistemi mniżżla fl-ewwel possibiltà, min-għajr sorveljanza kontinwa, u t-tieni u t-tielet possibiltajiet tal-punt (ii) tas-sezzjoni 2 ta' Anness III, u l-proċedura riferita fil-punt (b) ta' Artikolu 13(3) tikkorrispondi mas-sistema mniżżla fil-punt (i) tas-sezzjoni 2 ta' Anness III, u fl-ewwel possibiltà, b'sorveljanza kontinwa, tal-punt (ii) tas-sezzjoni 2 ta' Anness III;

(5) Billi l-miżuri li għalihom tipprovdi din id-Deċiżjoni jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Bini,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-prodotti jew gruppi ta' prodotti mniżżla f'Anness I għandu jkollhom il-konformità tagħhom attestata bi proċedura li biha il-manifattur ikollu fir-responsabbiltà unika tiegħu sistema ta' kontroll ta' produzzjoni tal-fabbrika li tiżgura li l-prodott ikun f'konformità ma l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi relevanti.

Artikolu 2

Il-prodotti mniżżla f'Anness II għandu jkollhom il-konformità tagħhom attestata bi proċedura li biha, b'żieda mas-sistema ta' kontroll ta' produzzjoni tal-fabbrika imħaddma mill-manifattur, korp approvat ta' ċertifikazzjoni huwa nvolut fl-istima u s-sorveljanza tal-kontroll ta' produzzjoni jew tal-prodott innifsu.

⁽¹⁾ ĠU L 40, tal-11.02.1989, p. 12.

⁽²⁾ ĠU L 220, tat-30.08.1993, p. 1.

Artikolu 3

Din il-proċedura għall-attestazzjoni tal-konformità kif imniżżla f'Anness II għandha tkun indikata fil-mandati għall-*standards* armonizzati.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussel, fid-29 ta' Ġunju 1999.

Għall-Kummissjoni

Martin BANGEMANN

Membri tal-Kummissjoni

ANNEX I

Kolla tal-madum (b'mod partikolari *binders* idriċi, *binders* bis-siment, *dispersion polymers*, reżini ta' reazzjoni)

Użu intern u estern f'bini u xogħlijiet ta' inġinerija ċivili oħra, esklużi dawk suġġetti għal reazzjoni għal regolamenti tal-ħruq għall-prodotti magħmula minn materjali li huma fil-klassijiet A ⁽¹⁾, B ⁽¹⁾, C ⁽¹⁾.

⁽¹⁾ Materjali li dwarhom ir-reazzjoni ta' kif jaġixxu għal ħruq hija suxxettibbli għall-bidla matul il-produzzjoni (b'mod ġenerali, dawk suġġetti għall-modifikazzjoni kimika, eż. ritardanti għal ħruq, jew fejn bidliet fil-kompożizzjoni jistgħu jwasslu għall bidliet fir-reazzjoni ta' kif jaġixxu għal ħruq).

ANNEX II

Kolla tal-madum (b'mod partikolari *binders* idriċi, *binders* tas-siment, *dispersion polymers*, reżini ta' reazzjoni)

Għall-użu suġġetti għar-reazzjoni tar-regolamenti tal-ħruq għall-prodotti magħmula minn materjali li huma fil-klassijiet A ⁽¹⁾, B ⁽¹⁾, C ⁽¹⁾.

Kolla strutturali (b'mod partikolari reżini tal-*epoxy*, reżini tal-*polyurethane*, reżini akriliċi, reżini tal-*aminoplastic*, u reżini tal-*phenolic*)

Għall-użu strutturali f'bini u xogħlijiet ta' inġinerija ċivili oħra.

⁽¹⁾ Materjali li dwarhom ir-reazzjoni ta' kif jaġixxu għal ħruq hija suxxettibbli għall-bidla matul il-produzzjoni (b'mod ġenerali, daww suġġetti għall-modifikazzjoni kimika, eż. ritardanti għal ħruq, jew fejn bidliet fil-kompożizzjoni jistgħu jwasslu għall bidliet fir-reazzjoni ta' kif jaġixxu għal ħruq).

ANNEX III

Nota: għal prodotti li jkollhom aktar minn użu maħsub wieħed speċifikati fil-gruppi li ġejjin, ix-xogħlijiet għall-korp approvat, miksuba mis-sistema relevanti għall-attezzjoni ta' konformità, huma kumulattivi.

GRUPP TA' PRODOTTI:

KOLLA TAL-BINI (1/2)

Sistemi ta' attestazzjoni ta' konformità

Għall-prodott/i u użu/i maħsuba/a elenkati hawn taħt, *CEN/Cenelec* huma mitluba li jispeċifikaw is-sistema/i li ġeja/jin għall-attezzjoni tal-konformità fl-*istandard/s* ta' armonizzazzjoni relevanti:

Prodott	Użu maħsub	Livell/i jew klassi/jiet	Sistema ta' attestazzjoni ta' konformità
Kolla strutturali	Għall-użu strutturali f'bini u xogħlijiet ta' inġinerija ċivili oħra	—	2+
Kolla għall-madum	Għall-użu intern u estern f'bini u xogħlijiet ta' inġinerija ċivili oħra	—	3

Sistema 2+: Ara Direttiva 89/106/KEE, Anness III(2)(ii), l-ewwel possibiltà, inkluża ċertifikazzjoni tal-kontroll tal-produzzjoni tal-fabbrika minn korp approvat fuq il-bażi ta' spezzjoni inizzjali fil-fabbrika u fil-kontroll tal-produzzjoni tal-fabbrika kif ukoll ta' sorveljanza kontinwa, stima u approvazzjoni tal-kontroll ta' approvazzjoni tal-fabbrika.

Sistema 3: Ara Direttiva 89/106/KEE, Anness III(2)(ii), it-tieni possibiltà.

L-ispeċifikazzjoni tas-sistema għandha tkun tali li tkun tista' tiġi implimentata wkoll fejn ir-rendiment ma jkunx meħtieġ li jiġi stabbilit għal ċerta karatteristika, għaliex ta' l-anqas Stat Membru wieħed ma jkollu ebda hteġa legali għal dik il-karatteristika (ara Artikolu 2(1) tad-Direttiva 89/106/KEE u, fejn japplika, punt 1.2.3 tad-Dokumenti Interpretattivi). F'dawk il-każi l-verifika ta' dik il-karatteristika m'għandhiex tiġi imposta fuq il-manifattur jekk ma jkunx jixtieq li jiddikjara r-rendiment tal-prodott f'dak ir-rigward.

GRUPP TA' PRODOTTI:

KOLLA TAL-BINI (2/2)

Sistemi ta' attestazzjoni ta' konformità

Għall-prodott/i u użu/i maħsuba/a elenkati hawn taħt, CEN/Cenelec huma mitluba li jispeċifikaw is-sistema/i li ġejja/ji għall-attezzjoni tal-konformità fl-istandard/s ta' armonizzazzjoni relevanti:

Prodott	Użu maħsub	Livell/i jew klassi/jiet Sistema ta'	attestazzjoni ta' konformità
Kolla strutturali	Għall-użu suġġetti għar-reazzjoni tar-regolamenti ta' kontra l-ħruq	A ⁽¹⁾ , B ⁽¹⁾ , C ⁽¹⁾	1
Kolla tal-madum		A ⁽²⁾ , B ⁽²⁾ , C ⁽²⁾	3
		A ⁽³⁾ , D, E, F	4

⁽¹⁾ Materjali li r-reazzjoni tagħhom ta' kif jaġixxu għal ħruq hija suxxettibbli għall-bidla matul il-produzzjoni (b'mod ġenerali, daww suġġetti għall-modifikazzjoni kimika, eż. *fire retardants*, jew fejn bidliet fil-komposizzjoni jistgħu jwasslu għall bidliet fir-reazzjoni ta' kif jaġixxu għal ħruq).

⁽²⁾ Materjali li r-reazzjoni tagħhom għall-prestazzjoni tan-nar ma tkunx suġġetta għal bidla matul il-proċess produttiv.

⁽³⁾ Materjali ta' klassi A skond id-Deċiżjoni 96/603/KE ma għandhomx bżonn jiġu ttestjati għal reazzjoni man-nar.

Sistema 1+: Ara Direttiva 89/106/KEE, Anness III(2)(i), mingħajr ta' ittestjar awditjat tal-kampjuni

Sistema 3: Ara Direttiva 89/106/KEE, Anness III(2)(ii), it-tieni possibiltà.

Sistema 4: Ara Direttiva 89/106/KEE, Anness III(2)(ii), it-tielet possibiltà.

L-ispeċifikazzjoni tas-sistema għandha tkun tali li tkun tista' tiġi implimentata wkoll fejn ir-rendiment ma jkunx meħtieġ li jiġi stabbilit għal ċerta karatteristika, għaliex ta' l-anqas Stat Membru wieħed ma jkollu ebda hteġa legali għal dik il-karatteristika (ara Artikolu 2(1) tad-Direttiva 89/106/KEE u, fejn japplika, punt 1.2.3 tad-Dokumenti Interpretattivi). F'dawk il-każi l-verifika ta' dik il-karatteristika m'għandhiex tiġi imposta fuq il-manifattur jekk ma jkunx jixtieq li jiddikjara r-rendiment tal-prodott f'dak ir-rigward.